# Programm għal Safra Ruma,

## parti mill-Festi tal-Parroċċa ta' San Bastjan, mit-12 sad-19 t'Awwissu.

12 t'Awissu Ninġabru l-ajruport fis-6.00 filgħodu mnejn nitilqu lejn Ruma mat-titjira KM 612 fejn naslu fl-10.10am. Bil-coach – lejn il-hotel, 3 minuti mixi 'l bogħod minn San Pietru. Għal min irid nipprovdu ikla (extra) wara li nissetiljaw fil-hotel. Nistrieħu ftit. Fit-3pm noħorġu dawra f'Ruma antika. Bil-coach u bil-mixi. Inżuru l-Forum, il-Campidoglio, Vittorio Emanuele, Piazza Venezia, via del Corso, Fontana di Trevi, il-Pantheon u Piazza Navona. Wara nieklu u lura lejn il-hotel.

13 t'Awissu Filgħodu, f'kappella ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru nagħmlu l-quddiesa tal-ftuħ tal-pellegrinaġġ tagħna mal-kappillan u qassisin oħra. Induru l-Bażilika, naraw l-artal bil-martirju ta' San Bastjan, il-Kripta tal-Papiet u għal min irid il-Koppla. Ħin għall-ikel u wara mmorru għal xiri ta' souvenirs u dawra madwar il-ħitan tal-belt tal-Vatikan.

14 t'Awissu Il-Ħadd filgħodu niċċelebraw il-quddiesa fil-Knisja ta' San Sebastiano al Palatino, via San Bonaventura, 1, fejn it-tradizzjoni tgħid li San Bastjan irċieva l-martirju. Wara mmorru nżuru l-Monti ta' Ruma Porta Portese. Kilometri sħaħ ta' gabbani li jbigħu kull xorta ta' affarijiet. Ħin għall-ikel u nżuru Trinita' dei Monti waħda mill-isbaħ pjazez tad-dinja u Piazza del Popolo, fejn naraw ukoll pitturi mill-isbaħ ta' Caravaggio.

15 t'Awissu Festa ta' Santa Marija. Quddiesa fil-bażilika ta' San Pietru ċċelebrata mill-Qdusija tiegħu il-Papa. Wara, nitilqu bil-coach naraw il-Colosseo simbolu ta' Ruma, imbagħad lejn il-katakombi ta' San Bastjan u nżuru l-katakombi. Inżuru l-bażilika ta' San Pawl fuori le Mura u t-Tre Fontane. Wara nofsinhar inqattgħuh fi pjazza popolari Campo di Fiori fil-qalba ta' Ruma.

16 t'Awissu Filgħodu wara l-breakfast bil-coach nitilqu lejn Assisi. Quddiesa fil-bażilika u wara nżuru l-bażilika u l-kunvent t'Assisi, il-kattidral, it-toroq ta' madwar u l-ħwienet. Ħin għall-ikel. Inżuru l-Eremo delle carceri u l-kunvent ta' San Damjan. Inżuru l-bażilika ta' Santa Maria degli Angeli.

17 t'Awissu Bil-coach nitilqu lejn Castel Gandolfo, lejn il-villeġġjatura tal-Papa, għall-udjenza flimkien ma' pellegrini oħra. Induru l-Lago di villa Albani. Wara nofsinhar immorru Villa D'Este ingawdu l-ġonna sbieħ tal-villa u r-raħal sabiħ.

18 t'Awissu Filghodu nagħmlu quddiesa fil-Knisja ta' Santi Quattro Coronati, Via San Giovanni Laterano, 168. Għal min irid inżuru l-Mużew Vatikan (dħul extra) li hu wieħed mill-isbaħ mużewijiet tad-dinja. Inkella passiġġata matul it-triq Cola di Rienzo magħrufa għall-prodotti mill-isbaħ ta' moda u lbies bi prezzijiet raġonevoli. Wara nofsinhar ħin sabiħ flimkien fi pjazza Navona.

19 t'Awissu Bil-coach lejn Monte Cassino – minfejn bdiet l-ordni tal-Benedittini. Storja u dehra mill-isbaħ. Aħna u ġejjin lura nibqgħu sejrin lejn l-ajruport biex naslu Malta mat-titjira tal-Air Malta filgħaxija fil-11 u kwart ta' billejl mal-KM 615..

**Prezz: 515 Ewro** jinkludi t-titjira Air Malta, it-taxxi, l-akkomodazzjoni Bed u Breakfast, transfers mill-ajruport u lura

**It-tours imsemmija** fil-programm jiswew ħlas extra ta' 170 ewro. Min irid jista' jieħu insurance standard (ta' GasanMamo) bħala grupp bi prezz ta' 23 ewro.

IBBUKKJA fl-Ufficcju Parrokjali ta' San Bastjan Qormi bi ħlas ta' 200 ewro deposit, li jkunu parti mill-ħlas sħiħ. Tel: 21486350, 99840738, qormisbmalta@gmail.com